**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 26**

**IL-HAMIS 3 TA' OTTUBRU 2013 FIL-5.15PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU – wasal 5.25PM |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER – wasal 5.20PM |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS- SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduti nru.25 ġew approvati. Is-Sindku ppropona u il-Kunsillier M. Fava issekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mis-Sindku

1. Is-Sindku informa li s-servizz ta' klinika li kien qed jinghata darba fil-gimgha, kull nhar ta' Tlieta filghodu, hdejn il-Knisja ta' l-Ibrag ghadu ma regax beda jopera peress li sa issa l-infermiera mpejati mal-Gvern ghadhom fuq *strike*. Il-Kunsillier M. Fava rraporta li wara li ikkjarifka ma' l-awtoritajiet kkoncernati dwar din il-materja, huwa sar jaf li dan is-servizz ma jistax jinghata ghalissa peress li mill- erbgha nfermiera mill-klinika tal-Gzira uhud jinsabu fuq sick u maternity leave. Ghaldaqstant, ghalissa m'hemmx infermiera li tista' tigi fil-klinika ta' lokalita' taghna.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier rrefera ghall-proposta biex Triq il-Migbed issir *two-way,* huwa nforma li wara l-Kunsill qabel ma' din il-proposta fis-Seduta li ghaddiet, is-Segretarju Ezekuttiv kiteb dwar din il-materja lit-Transport Malta. Huwa ssostna li din it-triq hija wiesgha bizzejjed biex issir *two-way* u li fil-prezent fil-lokalita' hawn iktar toroq li huma idjaq u huma wkoll *two-way*. Ghaldaqstant, huwa nforma li m'ghandu jkun hemm l-ebda problema sabiex din il-proposta tigi mplimentata f' din it-triq biex ir-residenti kollha jkollhom iktar access sabiex jmorru n-naha ta' fuq tal-lokalita' kif ukoll titnaqqas il-kongezzjoni minn Triq is-Swieqi.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku pprezenta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu. F' dan ir-rapport jinkludi wkoll l-organizazzjoni li saret fil-jiem ta' Swieqi Fest. Dan se jkun anness ma' dawn il-Minuti – App. A.

2. Huwa ssugerixxa li fin-nizla ta' Triq Pedidalwett titwahhal tabella fejn tindika li din hija zona residenzjali sabiex is-sewwieqa jnaqqsu mill-velocita'. Bhal din it-tabella ghandha titwahhal ohra lejn il-bidu ta' l-istess triq. Il-Kunsill qabel uninament li dawn jitwahhlu wara li s-Sindku jaghmel konsultazzjoni mall-Perit tal-Kunsill.
   Is-Segretraju Ezekuttiv nforma li kelli rikwest minn resident sabiex tigi nstallata traffic calmer ezatt malli tibda' Triq il-Pedidalwett( naha ta' isfel), din isservi biex it-traffiku niezel minn din l-istess triq ma jibqax hiereg ghal go Triq is-Slielem. Dwar din il-materja ukoll ghandha tigi diskussa mal-Peirt tal-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli

3. Is- Sindku nforma wkoll li l-progett fi Tennis Court li se jigi ffinanzjat mill-MEPA (UIF) gie approvat u ghaldaqstant dawn se jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez kollha li jidhru fuq ir-rapport u pjanti li l-Kunsill issottometta lill-MEPA.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier R. Rossignaud

1. Il-Kunsillier R. Rossignaud rega' staqsa dwar meta se jsiru traffic calmers fi Triq il-Madliena. Huwa nforma li dawn ghandhom jsiru mmedjatament peress li r-residenti ta' din iz-zona jinsabu ferm inkiwtati minhabba vetturi li jghaddu b' velocita qawwijja minn din it-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li dawr dawn ix-xoghlijiet hu diga' ikkomunika u anke ta pjanti ta' fejn se jigu nstallati lill-Perit tal-Kunsill. Il-Perit tal-Kunsill kellu jikkomunika mal-Kuntrattur tal-Kunsill.

2. Rigward Triq Pedidalwett, il-Kunsillier informa li fin-naha ta' isfel hemm bzonn li ssir mera u tabelli ta' l-STOP. Is-Segretraju Ezekuttiv nforma li se jinforma lill-kuntrattur responsabbli dwar dawn ix-xoghlijiet.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier A. Chetcuti ssugerixxa li parti minn Triq is-Slielem (in-naha ta' isfel) ssir one-way. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ssir laqgha ma' l-ufficcjali ta' Transport Malta dwar din il-proposta.

2. Huwa staqsa jekk hux possibli tigi nstallata camera tas-sigurta' li tkun ffukata fuq l-area tal-bring-in-sites fi Triq il-Keffa sabiex b'hekk jonqsu l-abbuzi. Wara diskuzzjoni, gie deciz li jsiru l-kuntatti neccessarji mal-kumpaniji Alberta u Wasterserv Malta dwar din il-possibilta'.

3. Il-Kunsillier staqsa dwar meta se jsir il-konkos fil-bankina fi Triq il-Bir. Is-Segretarju Ezekuttiv wieged li dan se jsir malli jitnehha l-arblu li bhalissa huwa nstallat ezatt f' nofs il-bankina. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma wkoll li huwa diga ghamel kuntatti ma' l-Enemalta sabiex dan l-arblu jersaq mill-aktar fis possibli.

HUGH ZAMMIT — SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT — SINDKU

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

4. Il-Kunsillier li huwa flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier A.Curmi attenda ghall-laqgha li saret mas-Sur K. Pule u ufficjali ohra ta' Transport Malta. Is-sugget kien il-possibilta' li jsir clamping fuq vetturi pparkjati hazin li jinkludi vetturi b'registrazzjoni barranija fi Triq il-Qasam, Triq is-Swieqi u Triq l-Ibrag. L-ufficjali nnfurmaw illi dan jista' jsir mill-Kunsill. Il-Kunsill idecieda li tinkiteb ittra lit-Transport Malta abiex din l-informazzjoni tigi kkonfermata bil-miktub.

Il-Kunsillier R. Rossiganud talab biex jigi skuzat. Il-hin kien is-6.15pm.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier nfurmat li fil-jiem li ghaddew il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena rcieva u iddiskuta l-kwotazzjonijiet dwar ix-xoghlijiet ta' restawr fil-kappella tal-Madliena. Hija nfurmat li l-Kunsill bi decizjonijiet li ittiehdu. Il-Kunsill qabel ma' dawn id-decizjonijiet u talab sabiex issir kuntatt mal-Kuntratturi halli jibdew ix-xoghlijiet minnufih. Il-Perit inkarigat minn dawn ix-xoghlijiet ghandu jigi nfurmat bi decizjonijiet li ttiehdu u jiccertifika x-xoghlijiet meta jitlestew.

2. Hija rreferiet ghax-xoghlijiet ta' rikostruzzjoni li qed issiru fi Triq Pedidalwet. Il-Kunsillier ssugeriet li l-parti minn naha ta' isfel ta' din it-triq (fejn jipparkjaw il-karozzi) issir bil-konkrit peress li meta taghmel ix-xita, izomm hafna ilma. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill idecieda li jkun ahjar jekk is-Sindki jikkonsulta mal-Perit tal-Kunsill u mal-Kuntrattur dwar dan is-suggeriment.

3. Rigward sponsorships sabiex titwaqqaf *nursery* ta' Rugby, hija nfurmat li l-kumpanija Frank Salt Real Estate huma lesti li jkunu l-sponsors ta' din l-inzjattiva. Is-Sindku, f'isem il-Kunsill u r-residenti ta' lokalita' rringarzzja ta' din l-offerta'.

Il-Kunsillier M. Abela talbet biex tigi skuzata. Il-hin kien is-6.30pm

HUGH ZAMMIT NOEL MUSCAT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV SINDKU

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier iddiskuta dwar diversi applikazzjonijiet li ghamel dan il-Kunsill ghall-ghajnuna mill-MEPA mill-fond ta' l-UIF u dan biex issir tibdil fi Tennis Court u fil-Gnien aness. Dawn l-applikazzjonijiet qatt ma gew approvati mill-Bord precidenti matul legislatura tal-Gvern precidenti. Ghaldaqstant jidher car li l-bord li gie mahtur ricentament huwa aktar realistiku, efficjenti u iffukat fuq l-applikazzjonijiet kollha li jitressqu ghall-attenzjoni taghhom.

2. Il-Kunsillier nforma li ta' spiss qed jircievi lmenti minnghand ir-reseidnti dwar il-*bring-in-sites* tal-karti u tal-plastik li hemm fi Centru Civiku. Huwa nforma li ghandu jsir kuntatt mal-GREEN MT sabiex dawn ibattlu aktar spiss dawn l-bring-in-sites.

3. Huwa rrefera ghall-ilment partikulari dwar klieb li jithallew jimirhu barra kmieni filghodu u tard filghaxija fi Triq in-Nofs. Is-Segretraju Ezekuttiv nforma li diga' kiteb lir-residenti nvoluti, spejga wkoll li diga kellem lill-Ispettur tad-Distrett. Dan informa sabiex min qed jaghmel l-ilment imur l-Ghassa ta' San Giljan sabiex jispjega aktar fid-dettal.

4. Rigward is-sitwazzjoni ta' parking fi Triq il-Qasam u Triq l-Ibragg, huwa ssostana li hemm bzonn li jkun hemm aktar il-prenza tal-gwardjani lokali, l-aktar bejn il-5.00pmu s-7.00pm. Kuljum qed jkun hemm hafna vetturi pparkjati hazin u dawn qed jikkagunaw aktar kongezzjoni ta' traffiku f' dawn it-toroq li huma ga maghrufin ghall-ammont kbir ta' traffiku li jghaddi minnhom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ghaldaqstant is-Sindku se jressaq din il-proposta fil-laqgha li jmiss tar-Regjun.

4. Il-Kunsillier M. Fava fahhar l-organizzazzjoni ta' Swieqi Fest 2013 pero' hu ssugerixxa li sena ohra ghandu jsir programm differenti per ezempju li l-attivita' tibda' b'quddies is-Sibt u wara jkompli l-programm pjanat mifrux fuq inqas minn 3 ijiem.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier C. Said infurmat li bhalissa hija qed tipprepara 3 hariget ghar-residenti kollha tas-Swieqi. Dawn il-hargiet huma pjanati li jsiru fi 29 ta' Ottubru 2013, fis-26 ta' Novembru 2013 u fis-17 ta' Dicembru 2013. Kien hemm qbil unamimu dwar dan.

   Il-Kunsillier M. Fava ssugerixxa sabiex dawn il-hargiet jsiru f'postijiet kulturali. Huwa ssugerixxa wkoll li l-Kunsill ma jkomplix ihallas ghat-transport provdut ghal dawn il-hargiet diment li dawn il-hargiet.
   ma jinkuludux postijiet storici u kulturali.Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier rrefera ghall-korripondenza li kien baghat lill-ufficcjal tal-MEPA dwar is-sit abbandunat li hemm fi Triq is-Swieqi vicin l-istabiliment Golosa. Huwa staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi godda. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li sa issa ghadna ma gejnix infurmati mill-MEPA dwar din il-materja.

2. Il-Kunsillier ipprezenta rapport idettaljat dwar rikjesti ta' xoghlijiet u xoghlijiet ohra pendenti. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti-App. B.

3. Il-Kunsillier issugerixxa biex il-laqgha tal-Kunsill tibda' ssir it-tnieni l-Erbgha tax-xahar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ghaldaqstant gie deciz ukoll li f'kaz li jkun hemm affarijiet urgenti x'jigu diskussi fil-perjodu ta'bejn laqgha u ohra ghandha tisssejjah laqgha ohra. Dawn il-laqgha li jsiru b'urgenza ghandhom jkunu numerati u jigu preparati l-Minuti ghalihom. Ghaldaqstant gie deciz li l-laqgha li jmiss, issir nhar l-Erbgha 13 ta' Novembru 2013.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Vici Sindku Dr. J. Fenech

1. Il-Vici Sindku nforma li l-attivita' ta' Swieqi Fest ghal din is-sena kienet ta' success kbir u ghaldaqstant irringrazzja li dawk kollha li b'xi mod ghenu biex din l-attivita' titella b' mod professjonali hafna. Huwa nforma li fil-jiem li gejjin se jiltaqa' ma' dawk kollha li b'mod volontraju taw l-ghajnuna taghhom sabiex jkun jista' jiehu l-opinjoni taghhom. Il-Vici Sindku rringrazzja wkoll li dawk kollha li taw ghajnuna finanzjajrja sabiex din l-attivita' tkun ta' suceess.

   Il-Kunsillier P. Fenech fahhar l-organizzazzjoni ta' din is-sena peress li diversi residenti hadu gost bil-mod professjonali li itellaw dawn l-attivitajiet.

2. Dr. J. Fenech informa li wara li l-Kunsill applika ghall-iskema li giet provduta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jinghataw korsijiet edukattivi lir-residenti fil-lokalita. Dawn se jibdew jinghataw lezzjonijiet tal-lingwi tal-Franciz, Spanjol u Germaniz. L-ewwel lezzjonijiet se jsiru fil-kumpless tal-Garden View pero' diga saru arrangamenti mal-Kappillan halli jibdew issiru mill-bini parrokjali.

3. Il-Vici Sindku nforma li peress li qed joqrob il-Milied, huwa qed jippjana li titella' attivita' ghal dawn iz-zminijiet. Huwa nforma li aktar dettalji se jinghataw 'il quddiem.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta r-rapporti ta' sigurta' li gew pprezentati mis-Sur Cassar dwar il-*playgrounds* li hawn fil-lokalita'.

2. Huwa ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 21/2013 dwar linji ta' gwida minhabba telefon cellulari li giet iccirkulata lill-kunsillieri kollha permez zta' email minn qable. Huwa gibed l-attenzzjoni li dan it-telefon cellulari irrid irregistrat fuq is-Segretarju Ezekuttiv peress li telefon irrid jitqies bhala parti mill-assi tal-Kunsill. Wara diskuzzjoni fid-dettall, gie deciz li jsir kuntatti neccessarji mal-GO plc sabiex il-Kunsill jigi nfurmat bl-offerti li hemm bhalissa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## V I APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru.65 ġiet approvata wara li saru xi aġġustamenti rikjesti mill-Kunsillier A. Curmi permezz ta' email – App. C. Hadd ma kellu kummenti dwar dawn il-pagamenti. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri kollha prezenti. Is-Sindku ppropna li jsiru dawn il-pagamenti u l-Kunsillier M. Fava ssekonda.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u saru aggornament ghal nhar l-Erbgha 13 ta' Novembru 2013 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**